MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 203/1998/1

**Strand Palace Agencies Limited**

**Vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi premettew illi huma joperaw fabbrika jisimha Topsy Factory, Carob Str., Sta. Venera, liema fabbrika hija moqdija minn provvista tal-elettriku b'amperagg ta' 100 amps ; u

Premess illi l-provvista ezistenti bl-amperagg fuq imsemmi inghata lis-socjeta’ attrici mill-istess korporazzjoni konvenuta cirka sittax il-sena ilu, cioe’ f’Marzu tal-1982; u

Premess illi b’ittri tal-14 u 20 ta’ Otubru, 1997, rispettivament Dok. A u B, il-korporazzjoni konvenuta infurmat lis-socjeta’ attrici illi kienet sejra tnaqqas is-supply minn 100 amps ghal 60 amps, u jekk is-socjeta’ attrici riedet izzomm l-istess amperagg, kellha thallas il-prezz ta’ stallazzjoni sabiex tigi moqdija minn *underground cable* minn *sub-station* fil-vicin; u

Premess illi l-Electricity Supply Regulations imsemmija fl-ittra Dok.A, dahlu fis-sehh ferm ***wara*** li s-socjeta’ attrici nghatat s-supply mill-korporazzjoni konvenuta; u

Premess illi fil-15 ta’ Jannar, 1998 impjegati tal-korporazzjoni konvenuta marru fil-fabbrika msemmija sabiex jaqtghu il-provvista tal-elettriku u jissostitwixxu l-amperagg kif fuq imsemmi; u

Premess illi fil-21 ta’ Jannar, 1998, il-korporazzjoni konvenuta giet inibita permezz ta’ digriet ta’ inibizzjoni numru 121/98 (anness Dok. C) milli taqta’ d-dawl u sussegwentement tnaqqas l-amperagg tas-*supply* lis-socjeta’ attrici;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-korporazzjoni konvenuta m’ghandhiex jedd illi tnaqqas l-amperagg fis-*supply* tal-elettriku fil-fabbrika Topsy Factory, Carob Str. Sta. Venera minn 100 *amps* ghal 60 *amps*;

2. Konsegwentement tikkonferma d-digriet tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 129/98.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 129/98, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta** a fol. 12 tal-process fejn eccepiet:

Illi l-azzjoni attrici hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti hija fid-dover illi tissuplixxi provvista ta' elettriku lill-konsumaturi u lill-industriji skond regolamenti specifici u skond ma titlob is-sengha u l-arti u dawn ir-regoli ghandhom jigu osservati ghall-harsien tas-sahha tal-pubbliku in generali, u ghalhekk l-eccipjent ma ghandha qatt tigi inibita milli taqdi d-dmirijiet taghha skond dawn l-istess regolamenti u skond ma titlob is-sengha u l-arti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**PROVI**

John Grech - *production manager* u inginier mas-socjeta' attrici xehed li huma kellhom bzonn ta' *supply* kbir ta' elettriku. Ghal bidu kellhom 60 *amps* . Imbaghad applikaw ghal aktar. Gew tal Enemalta, skonnettjaw il-*cable* tas-60 *amps* u wahhlu *cable* gdid li jiehu load ta' 100 *amps* u ghamlu *service box* gdid *b'fuses* li jifilhu ghal 100 *amps*. Dawn twahhlu minn impjegati tal-Enemalta fil-1982. Fil-1995 il-konvenuti riedu jibdlu s-sistema billi jghaddu l-istess 100 *amps* minn taht l-art u mhux *overhead* izda riedu li nhallsu ghalih ahna. Cahad li kien hemm perikolu jew li l-*fuses* kienu rregolari. Illum ziedet il-htiega ta' provvista fl-*area* fejn sar zvillip kbir u ghalhekk il-konvenuti jridu *cable underground* ghall-industrija.

Ray Calleja direttur tas-socjeta' attrici - xehed li l-konvenuti riedu jnaqqsu is-*supply* mill-*overhead cables* minn 100 *amps* (kemm ghandhom bzonn huma) ghal 60 *amps*. Min ried izomm il-provvista ta' 100 *amps* gie mitlub ihallas biex il-provvista tghaddi minn taht l-art. Dan is-servizz kien inghata lilhom fil-1982 bis-sistema *overhead* u jekk xi hadd iehor irid provvista ta' elettriku qawwija ghandu jkun hu li jaghmel mezz biex din tinghatalu.

Steve Calleja xehed li l-konvenuti bdew javvicinawhom biex jghaddu l-*cable* minn taht l-art spejjez taghhom u

jissostitwixxu l-provvista li qed tinghatalhom minn fuq. Huma rrifjutaw ghax mhux qed joholqu perikolu u jekk il-konvenuti jridu jibdlu s-sistema ghandhom jaghmluh a spejjez taghhom.

L-inginier Ruben Borg xehed li fil-1994 kien innota li l-atturi kellhom servizz ta' dawl irregolari u kellhom *fuses* ta' 100 *amps* minflok ta' 60 *amps*. Kienet saret korrispondenza biex jirregolaw ruhhom izda ghal xejn. L-Enemalta taghti servizz ta' 60 *amps* mill-*overhead lines* filwaqt li servizz akbar minn 60 *amps* taghtih permezz ta' *cables*. Is-servizz ghand l-atturi kien irregolari ghax kien ta 100 *amps overhead*.  Dan is-servizz kien stallat mill-haddiema tal-Enemalta.  L-atturi ma kienux oggezzjonaw ghat-talba li ghamlulhom u dejjem qalu li ser jirrangaw. Meta jkun hemm servizz bhal dana jista' jkun hemm hafna effetti.

Ir-regolamenti li ghamel referenza ghalihom kienu jezistu anke meta nghata s-servizz originarjarment u ma hemm ebda eccezzjoni ghal dawn ir-regolamenti. Servizz ta' aktar minn 60 *amps* jaghtuh dirett mis-*sub station*. Dejjem kienet li min irid jaghmel *cable* mis-*substation* ghal servizz ta' aktar minn 60 *amps* irid ihallas.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Fatti**

L-atturi joperaw fabbrika f'St Venera li mil-1982 ghandha provvista ta' l-elettriku ta' 100 *amps*. Fil-1994 il-konvenuti ndunaw li l-atturi kellhom *supply* ta' elettriku irregolari u ghalhekk kienu kitbulhom biex jew inaqqsu dik is-supply jew inkellha jiehdu supply ta' 100 *amps* minn *underground cable* minn *sub-station* vicin u jhallsu ghal dik l-istallazzjoni.

L-atturi m'ghamlu xejn, u meta l-konvenuti ppruvaw inaqqsulhom l-*amperage,* l-atturi ghamlulhom mandat ta' inibizzjoni u sussegwentement saret dina l-kawza.

**Kontestazzjoni**

L-atturi issostnu li l-istallazzjoni mhiex irregolari u fil-fatt twahhlet mill-konvenuti stess.

Il-konvenuti minn naha l-ohra jirritjenu li huma fid-dover jissuplixxu provvista ta’ elettriku lill-konsumaturi u lill-industriji skond regolamenti specifici u skond ma titlob is-sengha u l-arti u dawn ir-regoli ghandhom jigu osservati ghall-harsien tas-sahha tal-pubbliku in generali.

**Tikkunsidra**

Illi l-konvenuti ezebew kopja tal-*Electricity Supply Regulations* a fol, 60 li skond ma jirrizulta mill-istess dokument huma applikabbili mill-1 ta’ Dicembru, 1993. Ezebew ukoll kopja tal Enemalta Act Kap 272 li giet *in vigore* wara dawn ir-*regulations*, mentri l-istallazzjoni fil-fabbrika tal-atturi saret fil-1982.

Ix-xhud Ruben Borg xehed li r-regolamenti li ghamel referenza ghalihom kienu jezistu anke meta nghata is-servizz originarjament izda ma gewx indikati liema huma r-regolamenti li kienu *in vigore* fil-1982 u lanqas ma giet ezibita kopja taghhom. Il-konvenuti ma ppruvawx li minn dejjem kienet li min irid jaghmel *cable* ghal servizz ta’ aktar minn 60 *amps* irid isir minn *sub-station* u li l-konsumatur irid ihallas ghalilh.

Inoltre jirrizulta mhux kontestat li meta twahhal is-servizz lamentat, dana kien twahhal mill-istess konvenuti, kien twahhal kif inhu, cjoe ta’ 100 *amps* u *overhead*, u l-atturi ma kienux hallsu ghall dan is-servizz.

Dan kien fil-1982. Imbaghad kien biss fil-1994 li l-konvenuti indunaw li i-servizz li tawhom kien irregolari. Ghalhekk jekk il-konvenuti issa jridu jirregolarizzaw dak li sar hazin minnhom m’ghandux jehel bl-ispejjez taghhom il-konsumatur.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talbiet attrici
Spejjez ghall konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------